IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 59

21 t`Awwissu 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresjeda l-laqgħa.

**59.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm qari t`Apologija. Talab lil dawk prezenti biex il-Vici-Sindku jigi skuzat ghax ser jitardja ftit. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-ahhar seduta ma nqrawx u s-Sindku talab sabiex jigu pprezentati fil-laqgha li jmiss.

**59.3 Korrispondenza**

59.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li minn Settembru, il-librar mhux ser jibqa` jiehu hsieb il-Librerija Regjonali, ghalhekk il-hinijiet tal-Librerija ser ikunu ghall-erbgha sighat biss. Il-Kunsill talab lill-Librerija Pubblika biex jinstab librar iehor minflok.

59.3.2 Is-Sindku qara korrispondenza li l-istess Kunsill ircieva minghand is-Socjeta Muzikali San Lawrenz dwar l-access imblukkat fil-garaxx fejn il-Kunsill gie mitlub biex fin-nofs tal-garaxx ikun liberu minn kull ostaklu.

59.3.3 Mibughta korrispondenza dwar fitness classes li ser ssiru l-Birgu. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

59.3.4 Prezentati zewg korrispondenzi dwar progett li jaqa` taht il-European Citizens fejn il-Kunsill wera interess.

59.3.5 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Carmel Calleja. Is-Sur Calleja propona lill-Kunsill li fid-diska li tindaqq matul il-festa hemm lirika li tigi iktar sabiha li flok l-kelma Girbin ssir il-kelma Vittoriosani. Dwar dan il-Kunsill qabel li dan l-proponiment jigi mghoddi l-Kumitat rispettiv.

59.3.6 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva minghand l-Malta Tourism Authority, fejn l-istess Awtorita infurmat lill-Kunsill li ghal waqt l-attivita tal-Hadd filghodu fil-Birgufest ser nigu provduti s-servizz tal-Inguardia u ser taghmel il-parata taghha fuq is-Sur fi Triq Torri ta` San Gwann.

59.3.7 Prezentat il-poster ta` Short Film Festival relatat mall-attivita tal-Birgufest 2018, fejn il-Kunsill approva dan il-poster u b`hekk gie deciz li jitella fuq il-media socjali sabiex dak kollha nteressati jirregistraw.

59.3.8 Mibughta korrispondenza dwar il-kampanja Pink October, fejn il-Kunsill qabel li ghal matul ix-xahar ta` Ottubru, iz-zona ta` Couvre Porte tinxtghel bil-kulura roza.

59.3.9 Prezentata korrispondenza dwar il-konferenza li jmiss tal-Progett SOLIDA fejn din ser ssir gewwa Slovenia bejn it-2 u l-5 ta` Ottubru. Is-Sur Boxall qal li huwa flimkien mas-Sur Mark Causon ser jattendu ghal din il-laqgha. Is-Sur Boxall staqsa wkoll lis-Sur Anton Gellel jekk jistax jakkumpanjhom.

59.3.10 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-applikazzjoni dwar skema finanzjarja favur il-Komunita –Libreriji Lokali/Regjonali kienet giet sottomessa, fejn il-Kunsill applika sabiex jitrangaw l-apereturi tal-njam tal-Librerija Regjonali.

59.3.11 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-applikazzjoni ghall-Inizjattiva dwar Restawr ta` Postijiet Storici 2018 kienet giet sottomessa sabiex il-Kunsill tinghatalhu ghajnuna biex jirrestawra l-faccatta tal-Berga ta` Franza.

59.3.12 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-ufficcju tal-President, fejn il-Kunsill gie nfurmat bid-data ta` meta ser ssir il-vizita lill-Eccelenza Taghha President. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li data ta` din il-vizita ser tkun fit-8 ta` Ottubru 2018 fil-hamsa ta` wara nofsinhar.

59.3.13 Giet moqrija korrispondenza dwar talba li ghamel il-Kunsill lill-MTA sabiex jinghata l-ghajnuna finanzjarja biex ikun jista` jixtri litter u dog bins, jigu installati information boards, u kif ukoll jigu sponsorjati parti mill-kotba li saru fuq il-Birgu.

59.3.14 Moqrija korrispondenza li ntbaghtet mill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-inizjattiva MCCF 2018, fejn dawk prezenti qabblu li jikkontribwixxu f`din l-inizjattiva.

59.3.15 Gie prezentat l-overtime tas-Sinjorina Noami Zammit ghax-xahar ta` Lulju u Awwissu 2018. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

18:00hr Is-Sindku talab sabiex il-laqgha ssir fi stadju ta` kumitat ghal ftit tal-hin.

18:20hr Tkompliet il-laqgha.

**59.4 Bigufest 2018**

Dan l-item ma giex diskuss.

**59.5 Jum il-Birgu 2018**

Wara li s-Sindku, s-Sur John Boxall propona lis-Sur Gorg Peresso sabiex jinghatlhu Gieh il-Birgu, kien hemm qbil unanimu mall-kumplament tal-Kunsilliera. Gew diskussi diversi punti important dwar l-attivitajiet li ser ssiru b`konessjoni ma ` Jum il-Birgu 2018. Il-Kunsill vvota €2,500 ghall-attivitajiet kollha li ser ssiru relatati mall-Jum il-Birgu 2018. Il-Kunsill approva unanimament l-kwotazzjoni ta` Walle Pipes and Drums li tammonta ghall-300Euro sabiex jaghtu l-esebizzjoni taghhom nhar is-7 ta` Settembru. Giet prezentata l-kwotazzjoni ta` reception li ser ssir il-Gimgha 31 t`Awwissu li tammonta €485.69 fejn din giet approvata unanimament.

**59.6 Il-Progett tal-Bandli**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li fil-jiem li gejjin ser jinbeda l-qlugh tal-bandli. Giet prezentata kwotazzjoni tal-zgicar tas-sigar fejn tammonta ghall-3500Euro, liema kwotazzjoni giet approvata minn dawk prezenti. Is-Sindku zied jghid li sigra li hemm fin-nofs trid titnehha peress li qed tkun ta` zgombru. Waqt id-diskussjoni gie ssugeriet li l-Kunsill ghandu jiccekja kemm tkun l-ispiza sabiex l-mobile toilets jinkrew minflok jinxtraw.

**59.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

59.7.1 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li wara diversi diskussjonijiet sar qbil li l-skart tar-ristoranti tal-Waterfront ser jibda jingabar minn naha t` isfel jigifieri minn Triq l-Assedju l-Kbir.

**59.8 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

59.8.1 Is-Sur Anton Gellel qal li fil-kantuniera ta` Triq San Anton qed jintefa` zibel barra wara li jghaddi tal-scammel.

59.8.2 Is-Sur Gellel staqsa dwar il-karozza li giet zarmata fiz-zona ta` Fuq il-Fortini u kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tal-skip li hemm fi Triq il-Habs l-Antik, fejn nies qed jilmentaw li dan l-iskip dejjem mimli u qatt ma jitnehha.

**59.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4307 sa` BOV 4338 fejn cekk numru 4307 gie kkanccellat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 31 ta` Lulju 2018 sal-21 ta` Awwissu 2018.

**59.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja neqsin ghaxra ta` filghaxija (7.50pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar il-Erbgha 5 ta` Settembru 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum l-Erbgha 10 ta` Ottubru 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |